VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,551, 29 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 102 tal-2016

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2016 dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar l-Akkreditament ta' Provdituri ta' Servizzi Forensiċi li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji. Titolu.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"attività tal-laboratorji" tfisser kull miżura li tittieħed f'laboratorju meta traċċi fuq oġġetti jkunu qed jiġu lokalizzati u rkuprati, kif ukoll meta tiġi żviluppata, analizzata u interpretata evidenza forensika, bil-ħsieb li jingħataw opinjonijiet esperti jew li tiġi skambjata evidenza forensika;

"data dattiloskopika" tfisser immaġni ta' marki tas-swaba', immaġni ta' marki tas-swaba' moħbijin, marki tal-pala tal-id, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta' tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati);

"fornitur ta' servizzi forensiċi" tfisser kull organizzazzjoni, pubblika jew privata, li twettaq attivitajiet forensiċi fil-laboratorju fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji;

"korp ta' akkreditament nazzjonali" tfisser l-uniku korp f'Malta jew fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jwettaq akkreditament b'awtorità derivata mill-Istat kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 765/2008;

"profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżentaw sett ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti mhux kodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman, jiġifieri l-istruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA;

"riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" tfisser kull riżultat analitiku u interpretazzjoni direttament assoċjata;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"l-Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea kif jirreferi

VERŻJONI ELETTRONIKA

għaliha t-Trattat.

Implimentazzjoni u applikazzjoni.

3. Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:

(a) profil tad-DNA; u

(b) data dattiloskopika.

Għan.

4. L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:

(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025;

(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025.

Skop.

5. Kwalunkwe miżura meħuda barra laboratorju, inkluż it-teħid ta' *data* dattiloskopika jew miżuri li jittieħdu fuq il-post ta' inċident, il-post tar-reat jew analiżijiet forensiċi mwettqa barra mil-laboratorji huma lil hinn mill-għan ta' dan l-Ordni.

Valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza

6. Dan l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza.

Akkreditazzjoni.

7. Fornituri ta' servizzi forensiċi jistgħu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jiġu akkreditati mill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

Rikonoxximent tar-riżultati.

8. (1) Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni, ir-riżultati tal-fornituri akkreditati ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali;

(2) Dan l-Ordni ma jaffettwax il-validità, stabbilita skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, tar-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ukoll jekk il-fornitur ta' servizzi forensiċi ma kienx akkreditat bħala li jikkonforma mal-EN ISO/IEC 17025.